# Xogħol Francesco Zahra fil-Knisja tas-Siġġiewi



Mario Fenech

Mal-kwadru titulari tal-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi li huwa xogħol tal-artist ċelebri Mattia Preti, jikkumplimentaw b'mod tassew artistiku hemm żewġ xogħlijiet mill-isbaħ tal-artist Malti Francesco Zahra. Dawn huma ż-żewġ lunetti li hemm fid-daħla tal-kor.

Fihom naraw żewġ episodji mill-ħajja ta' San Nikola. Dawn huma San Nikola quddiem il-membri tal-Konċilju ta' Nicaea u l-ħelsien ta' San Nikola mill-ħabs mill-Verġni Mbierka u binha Ġesù.

Dawn iż-żewġ xogħlijiet għamilhom fis-sena 1758 u huma l-akbar żewġ lunetti fid-daqs li pinġa matul il-karriera twila tiegħu.

Bħalma wieħed jara f'kull xogħol li għamel dan l-artist, dawn iż-żewġ lunetti huma mimlija moviment, b'figuri tista' tgħid f'kull parti tat-tila, kif ukoll kuluri mħallta ma' xulxin, b'reqqa u studju liema bħalha.

Dawn ix-xogħlijiet Francesco Zahra kien għamilhom fl-aqwa perjodu tal-karriera tiegħu meta kellu 48 sena.

Huwa twieled l-Isla nhar il-15 ta' Diċembru 1710 u minħabba l-fatt li l-familja tiegħu u dik tal-artist Ġann Nikola Buhagiar kienu qraba ta' xulxin huwa tgħallem l-ewwel passi fl-iskola tal-arti għandu stess.

Ħadem ukoll mal-artist Antoine Favray meta dan kien ġie Malta fl-1744.

Miet nhar id-19 t'Awwissu 1773 u jinsab midfun fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta fejn hemm ukoll diversi xogħlijiet minn tiegħu.





Il-fatt li dan l-artist huwa meqjus minn bosta studjużi bħala wieħed mill-kbar fil-qasam tal-arti f'Malta għandu jkun ta' konferma li meta s-Siġġiwin ġew biex jagħmlu l-għażla tagħhom għal dak li kellu jagħmel ix-xogħol biswit xogħol t'artist kbir ieħor bħalma huwa Mattia Preti, il-ħsieb tagħhom mar fuq l-aqwa artist li setgħu jsibu dak iż-żmien.

Ir-riżultat jidher b'mod ċar f'dawn iż-żewġ lunetti mill-isbaħ fid-daħla tal-kor tal-Knisja Arċipretali ta' San Nikola.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

